## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**
**vs**
**Larry Farrugia**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` Larry Farrugia ta' 26 sena, iben Alfred u Mary Grace nee Vella u li joqgħod 37, Triq il-Kapuċċini, Il-Kalkara u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 119988M u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli nhar il-15 ta' Frar, 2014 għal ħabta ta' 23:45 ġewwa Triq il-Ġublew tal-Fidda, Vittoriosa : -

1. Saq vettura ABM 809 mingħajr ma kienetx liċenzjata mill-awtorita tat-trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq;
2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi m'obdiex ordnijiet leġittimi tal-Pulizija (PS337 M. Mercieca) ossija persuna inkarigata minn servizz pubbliku u pprova jfixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu;
3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu jew kellu taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu arma tan-nar bin-numru AH61329 tal-marka Luigi Franchi (hawn aktar l-isfel magħrufa bħala "l-arma") u li hija elenkata fis-skeda 2 mingħajr ma kellu licenza taħt l-Att dwar l-Armi;
4. Talli fl-istess ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-liċenza maħruġa f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

Mix-xiehda tar-rappreżentant tat-Transport Malta irriżulta li l-imputat kellu liċenza li kienet tiskadi nhar il-31 ta' Jannar 2014. Huwa ġie mwaqqaf mill-Pulizija nhar il-15 ta' Frar 2014. Dakinhar il-liċenza tal-vettura ma kienetx għadha mġedda. L-abbli Avukat Difensur tal-imputat jipprova jiġġustifika dan l-aġir tal-assistit tiegħu billi tenna li l-imputat ma kellux VRT test pożittiv peress li kien għadu qiegħed jistenna spare part tal-karozza. Bid-dovut

rispett, din il-Qorti ma tistax taqbel ma din is-sottomissjoni bħala xi forma ta' skużanti jew ġustifikanti tal-aġir tal-imputat. Jekk il-vettura ma kellhiex il-liċenza mġedda din ma setgħetx tiġi misjuqa. Jekk instaqet f'dak l-istat u ġie konċess li hekk kien, allura jfisser li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

Mill-provi prodotti jirriżulta li hekk kif lemaħ lill-Pulizija li kienu qegħdin jeżegwixxu road block fi Triq il-Ġublew tal-Fidda jirriżulta li l-imputat għamel U-turn u saq b'veloċita qawwija lejn Triq Santa Margerita, f'Bormla.

L-imputazzjoni hija li m'obdiex ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew li pprova jfixkilhom fit-twettieq ta' dmirhom. Ġie pruvat li aktar tard l-imputat ġie mwaqqaf fi Strada Toru f'Bormla stess u hekk kif twaqqaf huwa ġie ordnat jinżel u saret tfitxija fil-vettura tiegħu. F'dan l-istadju jidher li l-imputat obda l-ordnijiet li ingħatawlu. Għalhekk il-Qorti trid teżamina jekk dan ir-reat kienx integrat fl-episodju preċedenti meta l-imputat intebaħ li kien hemm ir-road block.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat prova jaħrab lill-Pulizija hekk kif intebaħ bihom fi Triq il-Ġublew tal-Fidda fil-Birgu u dan għaliex kien jaf li kellu s-senter fil-vettura u b'hekk jekk jitwaqqaf kien sejjer jiġi fil-għali. Biss il-provi prodotti ma jippruvawx lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat għamel il-U-turn u saq b'veloċita qawwija lejn Bormla **<u>wara</u>** u għax kien ukoll intebaħ mill-ordni mill-Pulizija biex iwaqqaf li kienet ingħatalu qabel ma beda l-U-turn. Mill-provi mhux ċar jekk l-imputat għamilx il-U-turn **<u>qabel</u>** ma ingħata l-ordni biex iwaqqaf **<u>jew wara</u>**. Il-fatt waħdu li l-imputat intebaħ li kien hemm road block ma jfissirx awtomatikament li l-imputat kien diġa ingħata l-ordni biex iwaqqaf u huwa m'obdihiex.

Dan id-dubju għandu jiġi interpretat favur tal-imputat u b'hekk il-Qorti mhix sejra ssibu ħati tat-tieni imputazzjoni.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Il-Qorti rat li mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat għandu liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista jġorr jew juża x-"shotgun" tal-marka Franchi bin-numru AH61329 għal fini ta' kaċċa.

Rat li t-tielet imputazzjoni tistrieħ fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta ossija :-

**5.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta'
dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f' xi fond jew ikollu fil-pussess
tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fiddintorni
tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II
mingħajr ma jkollu liċenza taħt dan l-Att.

Il-Qorti, fid-dawl tal-fatt li l-imputat huwa debitament liċenzjat iżomm jew iġorr din l-arma skont kif jidher mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni stess, ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Ir-raba imputazzjoni</u>**

Din l-imputazzjoni tistrieh fuq il-fatt li l-imputat, għalkemm liċenzjat sabiex iġorr jew iżomm l-istess arma tan-nar, għamel dan bi ksur tal-kundizzjonijiet indikat fil-liċenza maħruġa lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Din l-imputazzjoni tistrieħ fuq dak dispost mill-Arikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid : -

**52.** Detentur ta' liċenza taħt xi disposizzjoni ta' dan l-Att li jonqos milli jħares il-pattijiet tal-liċenza jew li jkollu pussess jew ikun iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati f' dik illiċenza, ikun ħati ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dawk lartikoli u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn tliet sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), jew il-piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Mill-provi jirriżulta li l-arma hawn fuq imsemmija instabet fil-vettura misjuqa mill-imputat f'Bormla u fil-Birgu għall-ħabta ta' 23:45 tal-15 ta' Frar 2014. Minn qari tad-dokument eżibit JC1 jirriżulta li l-istess liċenza hija maħruġa "ghall-garr ta' arma tan-nar ghall-kacca ta' ghasafar fuq l-art" u "ghaz-zamma ta' arma tan-nar ghal 'target shooting' jew kacca".

Mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li meta l-imputat kien qiegħed iġorr l-arma de quo fid-data, ħin, lok u ċirkostanzi kontestati lilu, huwa kien qiegħed jagħmel dan bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti lilu fil-liċenza maħruġa lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-banda l-oħra ma ġiex pruvat, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-imputat kien qiegħed, f'dawk il-postijiet u fil-ħinijiet indikati fl-imputazzjonijiet iġorr l-arma de quo għall-kaċċa t'għasafar fuq l-art jew għal target shooting jew kaċċa. L-istess jista jingħad għall-cartridge 12 guage li instab ukoll taħt is-seat tal-passiġġier.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-ġarr ta' armi tan-nar li ma jkunx qiegħed isir skont il-kondizzjonijiet tal-liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa deplorevoli għall-aħħar u huwa wkoll fatt serju għaliex armi tan-nar għandhom jinġarru barra minn fond biss u limitatament skont kif awtorizzat u liċenzat u dan sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun li tali armi minflok jiġu użati kif meħtieġ jistgħu jispiċċaw li jiġu abbużati minflok. Għalhekk il-Qorti ma tistax tqis din il-vjolazzjoni bħala xi waħda żgħira jew insinjifikanti.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament numru 14(1) tal-Avviż Legali 476 tal-2004, kif ukoll l-Artikoli 17 u 95 tal-Kodiċi Kriminali, u aktar l-Artikoli 5(1), 52, 56 u 57 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li qegħda ssib lill-imputat Larry Farrugia mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra qegħda ssibu ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal multa fl-ammont komplessiv ta' elf euro (€1000) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista tiġi imħalsa permezz ta' rati mensili ta' mitt euro (€100) bl-ewwel pagament isir fi żmien sebat ijiem, bit-tieni rata titħallas fl-ewwel jum tax-xahar ta' Settembru 2014 u hekk kull ewwel tax-xahar suċċessiv ininterrottament u fil-każ li l-ħati jonqos li jħallas imqar pagament wieħed, huwa jitlef il-benefiċċju taż-żmien akkordat lilu u l-bilanċ kollu jiġi dovut minnufih u jekk ma jitħallasx immedjatament jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata statutorja pro tempore.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-arma tan-nar ossija shotgun tal-marka Franchi bin-numru tal-matrikola AH61329 kif ukoll tal-cartridge 12 guage li instab taħt is-seat tal-passiġġier fil-karozza misjuqa mill-imputat.

Barra minn hekk wara li rat l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija lill-Larry Farrugia tiġi mħassra u li jiġi projbit milli jkollu liċenza taħt l-istess Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' sentejn millum.

***Moghtija illum _____ ta' Settembru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Magistrat,***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM ___** ***ta' Lulju 2014***

**PULIZIJA**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**vs**
**Grezzju Abela**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **Grezzju Abela** li joqgħod Benvenuto, Triq Ħaż-Żabbar, il-Fgura, detentur tal-karta tal-identita' numru 496351(M) taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli b'kull mod jimmolesta jew b'xi mod jivvessa lil Michelina Bartolo;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin millum;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

*Il-Maġistrat* *Il-Hati*
*Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*